MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 288/2004

**Tar-Robba Limited**

**Vs**

**Joe Abela**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm724.86c (seba' mija w erbgha u ghoxrin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti prezz ta' merkanzija u cjoe' materjal ta' kostruzzjoni, mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut, inkluz il-VAT.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Dr Daniela Stivala li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm724.86c (seba' mija w erbgha u ghoxrin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------